MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 316/2001/1

**Joseph Mifsud bhala prokuratur f'isem Michael Pisani assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**vs.**

**Amelie Pisani.**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta Amelie nee' Fletcher fil-Knisja ta' Sant' Agatha, ir-Rabat, Malta fit-28 ta' Settembru 1990, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u markat Dok. "A";
Illi dan iz-zwieg huwa null ghax:
Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew
Il-kunsens tal-konvenuta kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.
Il-konvenuta, ghalkemm ma kinitx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.
Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-
**1.** Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-28 ta' Settembru 1990 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19(1) (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255.**
Bl-ispejjez. Il-konvenuta hija minn issa mharrka biex tidher ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 et sequitur tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attur nomine datat 6 ta' Settembru, 2001 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex in-notifika tal-konvenuta issir wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet tal-10 ta' Awissu, 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors ta' l-attur *nomine* datat 16 ta' Ottubru, 2001 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tordna n-notifika permezz tal-procedura ta' l-affissjoni.

Rat id-digriet tal-10 ta' Dicembru, 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 30 ta' Ottubru, 2001 fejn hija tat ruhha notifikata bl-atti tal-kawza u avviz tal-appuntament.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fil-15 ta' Novembru, 2001 u li permezz taghha ecceppiet:-

1. Illi mhuwiex possibbli li prokuratur jiehu gurament tal-fatti li hemm indikati fid-dikjarazzjoni peress li ma jafhomx personalment u b'hekk ic-citazzjoni hija nulla;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-prokura imsemmija fl-occhio trid tigi pruvata;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-kunsens tal-konvenuta ma kienx vizjat bl-ebda mod, hi kienet konxja fuq id-drittijiet u dmirijiet konnessi maz-zwieg u kienet lesta li terfa dawn l-obbligi, ma kellha ebda anomalija psikologika, u kienet lesta li taqdi l-obbligazzjonijiet kollha taz-zwieg kif fil-fatt ghamlet; kien zwieg nisrani b'cerimonja segwita minn riceviment kbir;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenuta ma eskludiet ebda element essenzjali tal-hajja mizzewga; jinghad ukoll li l-konvenuta kienet inqabdet tqila pero' kien hemm korriment – il-konvenuta kienet waqghet fi dwejjaq kbar minhabba f'dan il-korriment; il-konvenuta riedet tfal u rieditom fiz-zwieg biex jghixu u jitrabbew f'familja;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hi kellha setghat intelletwali bizzejjed biex jinholoq il-kunsens taz-zwieg;

7. Illi kien l-attur li kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirjiet taghha. Hu kellu ukoll anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 20 et sequitur tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda esebita a fol. 21 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur nomine fejn talab illi din il-Qorti taghti ordni taht l-**artikolu 588 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** sabiex is-segwenti xhieda u cioe' il-Psikologa Sandra Calleja Caruana, il-Psikologa Marianne Borg Cunen u t-tabib Dr. Patrick Mahoney jwiegbu mistoqsijiet fuq hwejjeg li saru jafuhom that sigriet professjonali jew fil-kapacita' professjonali taghhom.

Rat id-digriet tal-20 ta' Jannar, 2003 fejn din il-Qorti diversament preseduta ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat id-digriet taghha sussegwenti datat 14 ta' Frar, 2003 fejn il-Qorti, kif preseduta laqghet it-talba u ezentat x-xhieda indikati, jekk dikjarati mill-attur fl-atti tac-citazzjoni attrici, (peress li jidher li Dr Marianne Borg Cunen ma hijiex hekk dikjarata) mis-sigriet professjonali.

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fit-28 ta' Marzu, 2003 fejn huwa gharraf lil-Qorti illi fil-fatt il-psikologa Marianne Borg Cunen kienet iddikjarata bhala "*il-psikologa li kien ikkonsulta l-attur*", u ghalhekk it-tliet professjonisti imsemmija fir-rikors huma kollha dikjarati.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenuta fl-10 ta' April, 2003 fejn talbet illi din il-Qorti (1) tahtar espert psikjatra li jkun jista jifforma valutazzjoni psikjatrika tal-attur u tal-kapacita tieghu ghaz-zwieg; (2) tezenta lil Dr. David Cassar Psikjatra mis-sigriet professjonali fir-rigward tal-pazjenta tieghu Michael Pisani; (3) tawtorizza li jsiru seduti ulterjuri ma dawk ifissati mill-Qorti ghal kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi skond il-ligi wara li jkun ghalaq l-provi tieghu l-attur.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' April, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat id-digriet taghha sussegwenti tas-6 ta' Mejju, 2003 fejn il-Qorti wara li rat li ghar-rikors tal-10 ta' April, 2003 ma kienitx saret risposta, cahdet l-ewwel talba, laqghet it-tieni talba u cahdet it-tielet talba.

Rat in-nota ta' l-Assistent Gudizzjajru Dr. Kenneth Gulia a fol. 137 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Settembru, 2001; tat-22 ta' Novembru, 2001; tat-23 ta' Jannar, 2002; tat-12 ta' April, 2002; tal-10 ta' Ottubru, 2002 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju; tat-30 ta' April, 2003 fejn il-Qorti rrilevat li d-digriet taghha tal-10 ta' Ottubru, 2002 ma giex osservat, u ghal din id-darba biss se taghti differiment kif rikjest u tordna lill-Assistent Gudizzjarju jzomm seduta wahda ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici, u fil-mori tad-differiment, jzomm erba' seduti ghall-provi kollha tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju a fol. 278 tal-process fejn indika illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li f'dan l-istadju m'ghandhomx provi izjed x'jipproducu.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tas-7 ta' Ottubru, 2003 fejn iddikjaraw li l-provi jinsabu maghluqa u wara li fl-istess seduta gie trattat il-kaz, il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza *in difett t'ostakolo*.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) AZZJONI ATTRICI.

Illi f'dan il-kaz, l-attur nomine qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-mandatarju tieghu Michael Pisani u l-konvenuta Amelie Pisani fit-28 ta' Settembru, 1990 fil-Knisja ta' Sant' Agatha r-Rabat null u dan minhabba wahda jew aktar mit-tlett ragunijiet segwenti u li jinsabu fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) (f) (h)** jipprovdi li:-

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;"*

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenjzlai tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;"*

*"(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-konvenuta min-naha taghha qeghda tghid li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fis-seba' eccezzjoni taghha tghid illi *"kien l-attur li kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha. Hu kellu ukoll anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg"*. Il-konvenuta qed tirreferi ghall-**artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(II) L-EWWEL ECCEZZJONI.**

Illi l-konvenuta ukoll tat zewg eccezzjonijiet li jekk jintlaqaw jwaqqfu l-azzjoni attrici.

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuta tghid illi *"mhuwiex possibbli li prokuratur jiehu gurament tal-fatti li hemm indikati fid-dikjarazzjoni peress li ma jafhomx personalment u b'hekk ic-citazzjoni hija nulla"* u "*minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-prokura imsemmija fl-occhio trid tigi pruvata".*

Illi dwar l-eccezzjoni illi *“mhuwiex possibbli li prokuratur jiehu gurament tal-fatti li hemm indikati fid-dikjarazzjoni peress li ma jafhomx personalment u b’hekk ic-citazzjoni hija nulla”* jinghad illi Joseph Mifsud, li intavola l-kawza f’isem Michael Pisani, fil-paragrafu numru ghaxra (10) tad-dikjarazzjoni tieghu jghid illi “*dawn il-fatti l-esponent jafhom minghand l-attur Michael Pisani li f’ismu qieghed jaghmel din il-kawza*”.

Illi **s-subinciz 3 ta' l-artikolu 156 tal- Kap. 12** jipprovdi li fil-Qrati Superjuri, l-attur jew wiehed mill-atturi ghandu wkoll flimkien mac-citazzjoni jipprezenta dikjarazzjoni f'paragrafi numerati li jkun fiha migjuba bic-car il-fatti kollha rilevanti ghall-kawza u li tiddeskrivi kull fatt f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu, u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment. Dan is-subinciz ikompli hekk:-

*"Din id-dikjarazzjoni ghandha jew tkun konfermata bil-gurament quddiem ir-registratur jew li maghha l-attur, jew wiehed mill-atturi, jannetti affidavit li fih jikkonferma l-fatti kollha li jsostnu t-talba tieghu filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment."*

Illi hu mmedjatament ovvju li fid-dikjarazzjoni guramentata l-attur ghandu jiddikjara l-fatti kollha in sostenn tat-talba tieghu u ghandu jiddikjara liema minn dawn il-fatti hu jafhom *di scienza propria.* Dan ifisser li mhux biss ma tokkorri l-ebda nullita' jekk l-attur jiddikjara fatti li hu jafhom b'tali minn ghand haddiehor jew minn cirkostanzi ohra imma hu anzi mistenni li hekk jaghmel in sostenn tat-talba tieghu basta jiddikjara liema fatti minn dawk minnu dikjarati jkun jaf personalment. Dan ghar-raguni ovvja li dik id-dikjarazzjoni guramentata tista' sservi ta' prova biss ghal dawk il-fatti li l-attur jiddikjara li jaf personalment u mhux ghaliex qalhomlu haddiehor. Altru allura li ma hemm l- ebda nullita' mill-fatt biss li l-attur *nomine* ddikjara illi l-fatti jafhom minghad l-attur, Michael Pisani.

Illi ‘*n oltre* jinghad li l-Qorti fil-fatt ghandha kull dritt li f'kull waqt fil-kawza, qabel is-sentenza tordna kemm is-sostituzzjoni ta' xi att jew ukoll tippermetti tibdil fl-iskritturi

kemm biex *"jissewwa kull zball jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt"* anke permezz ta' nota separata dan *"sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis- sostanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal- kawza."* (**artikolu 175 (1) tal-Kap.12**). Din il-Qorti allura f'kull kaz ghandha l-poter residwali li tordna lill-attur *nomine*, jew sahansitra lill-attur, li jikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu anke fid-dettal mad-dettami tal-ligi jekk mehtieg u anke jekk hemm bzonn billi tordnalu jissostitwiha. Intervent ta' din ix-xorta pero' ma jidhirx li hu mehtieg jew indikat f'dan il-kaz. Dan jinghad waqt li jigi enfasizzat li f'kull kaz anke kieku kien mehtieg tali intervent skond kif tippretendi l-konvenuta, biex id-dikjarazzjoni guramentata tigi in regola mal-ligi dan bl-ebda mod ma kien ser ibiddel is-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eccezzjonijiet fuq il-meritu tal-kawza. Meritu li gie sewwa apprezzat mill-konvenuta, li tat l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet <u>kif</u> <u>dedotti</u> li dwarhom gabet l-provi kollha taghha u li fuqhom din il-Qorti ser taghti s-sentenza taghha.

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni hija michuda.

**(II) <u>IT-TIENI ECCEZZJONI.</u>**

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u cjoe' li "*l-prokura imsemmija fl-occhio trid tigi pruvata"* jinghad li "*anke jekk il-prokura miktuba hi naturalment l-ahjar prova tal-mandat din ma hijiex bil-ligi essenzjali ad validitatem ghall-ezistenza ta' tali mandat. Il-mandat jista' jkun bil-kitba u f'dan ir-rigward jista' ma jkunx b'xi forma sagramentali sakemm ma jkunx hekk rikjest minn xi dispozizzjoni* specjali tal-ligi, u jista' *wkoll ikun bil-fomm". "Bla hsara ta' kull disposizzjoni specjali ohra tal-ligi, il-mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra jew bil-fomm jew ukoll tacitament" **(Art. 1857 (2) tal-Kodici Civili).*** L-**artikolu 1865 (1)** jipprovdi li ghall-ezekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jagixxi gudizzjarjament, jaghmel u jissokta appelli u jagixxi b'kull mod kif indikat f'dak is-subinciz u "*jaghmel kull haga ohra li l-mandant jista' jaghmel huwa nnifsu ghalkemm dawn is-setghat ma jkunux espressi fil-mandat".*

Illi *'n oltre*, ghandu jinghata piz debitu lill-fatt li l-mandant innifsu, fil-kors tal-kawza, xehed. Mandat li ma jistax jitqies li ma giex notifikat bil-prezenza tal-mandant li ssokta l-kawza u bin-nuqqas ta' kontestazzjoni *da parte* tal-konvenuta li fl-ebda hin fil-kontroezami ta' din il-persuna ma ttantaw jivverifikaw il-korrettezza ta' l-eccezzjoni taghha. Kif inghad il-mandat jista' jkun bil-fomm u tacitu. (Ara f'dan is-sens il-kawza fl-ismijiet **"Emmanuele Zahra pro et noe vs John Pace noe et"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Mejju, 1997 (Cit. Nru. 725/84). Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

**<u>(IV). PROVI DWAR IL-MERTU.</u>**

Illi l-**attur *nomine*** jghid li l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Settembru, 1990 u sseparaw permezz ta' ftehim bonarju f'Gunju, 1999.

Illi l-attur *nomine* jzid jghid li *"l-konvenuta qaltlu li hija kellha relazzjoni serja ma' mara ohra u ghalhekk ma bdietx tiffrekwentah daqstant spiss. Fi zmien tliet xhur, hija qatghet ir-relazzjoni li kellha mal-habiba taghha u bdiet tohrog ma' l-attur regolarment…".*

Illi jkompli jghid li *"xi sena u nofs fir-relazzjoni, l-konvenuta giet iddeportata minn Malta minhabba li naqset li ssiefer fiz-zmien stipulat u dan peress li kienet ta' nazzjonalita` Ingliza, u kellha ta' bilfors titlaq minn Malta kull tliet xhur. Hija damet imsiefra ghal erba' xhur u ma setghetx terga` tidhol lura Malta. L-uniku mod kif hija setghet terga` lura Malta kien jekk tizzewweg. Dan ikkundizzjona d-decizjoni ta' l-attur u tal-konvenuta biex ifittxu jizzewgu. Fil-fatt huma zzewgu erba' xhur wara".*

Illi xehed bil-procedura ta' l-affidavit **Michael Pisani** li bil-Malti bil-gurament tieghu qal illi huwa kien iltaqa` mal-konvenuta meta kien hareg ma shabu f'*restaurant* gewwa San Pawl il-Bahar.

Illi l-partijiet kienu ghamlu zmien jghixu flimkien qabel ma zzewgu. Kien proprju f'dan iz-zmien (qabel iz-zwieg) li l-

konvenuta, jghid l-attur, li hija ammettiet li kienet bi-sesswali u li kienet qeghda tara u torqod ma' mara minn tas-Swieqi.

Illi l-attur jghid li l-konvenuta uzatu sabiex tittermina din ir-relazzjoni li hija kellha ma' din il-mara mis-Swieqi. Jkompli jghid illi "*shortly after I got to know all about her relationships, we moved into an apartment in Sliema. Our relationship continued to consolidate and we did not ever argue much. She used to tell me that we seemed to be an ideal couple since we rarely argued*".

Illi dwar il-kwistjoni li kien hemm bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-konvenuta jghid illi "*as Amelie was a British citizen, she was expected to leave the country every 3 months (usually to Sicily) to renew her visa. At one time, she forgot to update her visa and she was reported (allegedly by her own mother) to the authorities. I was in contact with her mother and Inspector Cassar, who was then in charge of Immigration and who told me that the only way I could get Amalie back to Malta is through marriage. As we had already been living together for 2 years, I did not think twice about the idea. Amelie had agreed and we married on the 25$^{th}$ of September, 1990*".

Illi l-attur jghid li "*during our nine (9) year relationship, we only consummated our marriage once. This was about three years before we separated*". Pero' imbaghad jghid illi "*sex during marriage started off well. However I noticed that she never asked for sex and it was always I who had to take the initiative*". Jghid li "*the hard part in our sexual relationship in the beginning of the marriage was to convince her to have sex. Then when she acquiesced, she was O.K. My wife was paranoid about getting pregnant and therefore we never had the full sexual act…….*".

Illi xi zmien wara li telqu minn fejn kienu qeghdin jghixu fil-Gzira, l-konvenuta ltaqet ma' certa Sandra Aquilina. Matul l-ahhar tlett snin taz-zwieg taghhom, l-attur jghid li l-konvenuta bdiet hbiberija ma' din Aquilina. F'okkazjoni minnhom meta l-kontendenti kienu siefru l-Kanada, l-attur

jghid li huma kienu kontinwament jargumentaw u li r-relazzjoni sesswali taghhom spiccat fix-xejn u dan, skond l-attur, peress li meta kienet zghira, l-konvenuta giet abbuzata sesswalment.

Illi r-relazzjoni tal-kontendenti bdiet tiddeterjora aktar u aktar u fil-fatt l-attur jghid li:-

"*I realised that she changed completely after she started going to her therapist. In fact, Amelie said that it was for her better good, but it was definitely not in favour of the marriage*".

Illi meta xehed in kontro-ezami, l-attur jghid li meta huwa ltaqa` mal-konvenuta, huwa kien jaf li hi kellha relazzjoni sesswali ma' mara ohra. Dwar dan jghid li "*I did not like it but I accepted because I thought that one day she would get out of this habit*" u "*I was hoping she would get out of this habit prior to our marriage*".

Illi huwa jghid li minkejja l-fatt li huwa kien jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni sesswali ma' mara ohra, huwa xorta ghazel li jizzewweg mal-konvenuta. Jkompli jghid li l-konvenuta qatt ma fethet qalbha mieghu u dejjem zammet lura milli tghidlu x'kienu l-problemi li kienu qed iddejquha. Jghid ukoll li kien wara erba' snin zwieg li huma kkunsmaw iz-zwieg u dan minkejja l-fatt li kienu jorqdu flimkien.

Illi l-attur jsostni li darba kien ha "*overdose*" ta' vitamini, pero' meta gie mistoqsi jekk dan kienx attentat ta' suwicidju huwa jghid le. Jghid li ghamel hekk ghax kien imdejjaq hafna u ma setax jifhem is-sitwazzjoni li kien fiha. Pisani jghid li kien hemm okkazjoni fejn kien qal lill-konvenuta li kien qieghed jikkontempla suwicidju. Dwar il-hajja sportiva tieghu l-konvenut jghid li din kienet tehodlu parti kbira mill-hin tieghu kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Izda l-konvenuta qatt ma qaltlu biex inaqqas l-impenn tieghu u dejjem inkorragietu.

Illi huwa kompla jixhed li huwa gieli dahal f'siti adulti fuq l-internet u cjoe' f'siti pornografici. Jghid ukoll li s-sess kien importanti fir-relazzjoni tieghu.

Illi xehed ukoll, bil-procedura ta' l-affidavit **Joseph Mifsud** a fol. 35 *et sequitur* tal-process. Huwa jghid li l-attur ilu jafu sa mill-1975 u li jafu bhala bniedem kwiet u rizervat. Matul is-snin dan ix-xhud jghid li huwa bniedem sincier u matur u li kien it-tip ta' bniedem li kien jissakrifika l-bzonnijiet tieghu sabiex jkun hemm il-paci fil-familja. Jghid li "*when they decided to marry, it seemed that things were hurried more than usual because she needed to avoid having to leave Malta every three months*".

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Michelina Pisani**, a fol. 38 *et sequitur* tal-process. Hija tghid li binha l-attur u l-konvenuta kienu bdew jghixu flimkien qabel ma zzewgu. Omm l-attur tghid li "*I noticed that she used to frequent her friends a lot and seemed to give them preference over her husband. I used to worry that she was not spending enough time with my son. This was because during the week Michael used to be at home on his own and she was seldom there*".

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit omm il-konvenuta **Susan Fletcher** *a fol. 40 et sequitur* tal-process. Hija tghid li l-konvenuta hija "*highly manipulative and would always get what she wanted*". Hija tghid ukoll li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda difficli u dan "*because of the normal teenage problems, but nothing out of the ordinary*".

Illi din ix-xhud issemmi ukoll l-episodju fejn bintha giet arrestata u mressqa l-Qorti akkuzata li hadmet f'Malta minghajr permess. Fil-fatt din ix-xhud tghid li bintha giet deportata u ma setatx tirritorna lura Malta qabel ma ghaddew tmien gimghat. Wara li l-konvenuta zzewget din ix-xhud tghid illi "*Amelie shut me out of her life completely. I had more conversation with Michael than I did with her*".

Illi hija tghid li "*I call her a child in woman's body*" u "*I remember clearly that once when we were together at home, and happened to hear an announcement calling for*

*blood, she told me that she could not donate blood because she was a lesbian*".

Illi xehdet **Julie Wingfield**, bil-procedura ta' l-affidavit li qalet illi l-konvenuta dehret kuntenta fir-relazzjoni li hija kellha ma' l-attur u li, skond hi, l-konvenuta kienet taf x'jinvolvi z-zwieg. Tkompli tghid li l-konvenuta qatt ma rat iz-zwieg bhala xi haga li permezz tieghu setghet tibqa' hawn Malta u dan ghal fatt li l-konvenuta kienet ilha ghal hafna zmien hawn Malta u sahansitra kienet tmur l-iskola hawn Malta meta kienet zghira.

Illi l-imsemmija, Julie Wingfield, tghid li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta dehru kuntenti flimkien waqt iz-zwieg u dan almenu sa l-1996. Sussegwentement il-konvenuta kienet kelmet lil din ix-xhud fuq it-telefon u kienet infurmata li hija u l-attur kienu infirdu. Il-konvenuta kienet qaltilha li hija kienet "*hurt when he had threw back at her an intimate fact which she had told him regarding her father*". Il-konvenuta kienet qaltilha li l-attur kien hedded li jiehu hajtu b'idejh jekk hija ma kenitx ser tmur lura. Ghalkemm hija kienet ghadha tirrispettah *(cared)* hija ma setghetx tibqa` tittolera s-sitwazzjoni ezistenti fiz-zwieg taghhom.

Illi l-konvenuta kienet tghid lil din ix-xhud li l-attur ma kienx lest li jissuportjaha kif kienet taghmel hi mieghu. Hija qalet li taf li l-konvenuta riedet it-tfal. Tkompli tghid li l-konvenuta kellha, qabel iz-zwieg relazzjoni ma' ragel iehor u ma' mara. Pero' hija tghid li l-attur kien jaf dwar dan il-fatt ghax hu stess kien isemmilhom lill-konvenuta quddiemha. Hija tghid li safejn taf hi, r-relazzjoni li kellha ma' din il-mara kienet biss kurzita ta' l-adoloxxenti.

Illi xehed ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **John Bolton Fletcher**, liema affidavit jinsab esebit *a fol. 56 et sequitur* tal-process.

Illi John Bolton Fletcher jigi missier il-konvenuta. Huwa jsemmi xi episodji li sehhew meta l-konvenuta kienet zghira u senjatament ghall-fatt illi kien hemm *social worker* li skopriet illi l-konvenuta kellha hafna tbengil fuq

persunta. Omm il-konvenuta kienet qalet dak iz-zmien li l-istess konvenuta kienet waqghet minn gol-*cot* taghha. Huwa jghid ukoll li "*growing up, Amelie was no trouble at all, in fact she was a joy to have around; on a number of occasions when I was involved in doing charitable work for the underprivileged, Amalie spent her free time helping disabled children, selling raffle tickets for charity or minding orphans who had been taken on an outing*".

Illi jghid dan ix-xhud li l-konvenuta hija "*dyslexic*" u li ghalhekk kellha xi problemi fir-rigward tat-taghlim taghha. Missier il-konvenuta jghid li huwa skopra x'kienet il-problema, meta qaltlu wahda mara li kienet marret tarahom. Jghid ukoll li llum il-konvenuta taghllem.

Illi huwa xehed li l-konvenuta kellha relazzjoni serja ma' guvni meta hija kellha tlettax jew erbatax-il sena, izda meta huma nfirdu hija kienet haditha bi kbira. Meta l-konvenuta kienet qeghda tghix mieghu f'Liphook, gewwa l-Ingilterra, hija kienet qaltlu li kellha relazzjoni ma' l-attur. Dwar tfal, dan ix-xhud jghid li bintu u zewgha riedu t-tfal u meta l-konvenuta korriet u tilfet it-tarbija li kienet qed iggorr, hija kienet haditha bi kbira.

Illi l-**konvenuta** fid-dikjarazzjoni taghha tghid illi hi u *"l-attur ghexu flimkien sentejn shah qabel ma zzewgu"*. Skond il-konvenuta dan *"juri li huma ma ddecidewx li jizzewgu b'mod legger jew minghajr hsieb. Huma kienu jafu lil xulxin sewwa u ddecidew li jizzewgu ghax hekk riedu, konxji tar-responsabbilitajiet involuti".*

Illi dwar il-fatt tad-deportazzjoni taghha l-konvenuta tghid li *"mhux minnu li d-decizjoni taz-zwieg tal-konvenuta kienet b'xi mod kondizzjonata minhabba xi deportazzjoni – il-partijiet fil-fatt kienu ddecidew li jizzewgu qabel din id-deportazzjoni. L-attur kien staqsa lill-konvenuta biex jizzewgu u hi kienet irrispondietu iva izda zmien qabel id-deportazzjoni imsemmija fic-citazzjoni".*

Illi fil-paragrafu numru erbgha (4) tad-dikjarazzjoni taghha l-konvenuta tghid li *"l-attur kien jaf il-fatti kollha dwar hajjet il-konvenuta nkluzi dawk l-aktar intimi ghax hi qalithomlu*

*sa minn qabel iz-zwieg – pero' jinghad car li ma kien hemm ebda kondizzjoni li setghet timpedixxi lill-konvenuta milli twettaq l-obbligi kollha taz-zwieg. Meta l-konvenuta kellha relazzjoni ma' tfajla ohra qabel iz-zwieg kienet biss frott tal-kurzita ta' adoloxxenza. L-attur kisser ir-relazzjoni bl-agir tieghu lejn martu u bl-adulterju tieghu; sa dan il-punt il-konvenuta kienet baqghet fidilha lejn zewgha u dan minghajr ebda sagrificcju jew sforz. Il-konvenuta kienet thobb iz-zwieg u lil zewgha kemm fizikament kif ukoll moralment u ma kienet thobb lil hadd jew xejn aktar. Dan sakemm hu ma abbandunax iz-zwieg kif fuq inghad".*

Illi fl-affidavit minnha pprezentat, u li jinsab *a fol. 47 et sequitur* tal-process, il-konvenuta, tghid li f'Ottubru, 1968 giet addottata mill-genituri attwali taghha. Sussegwentement hija giet Malta maghhom fejn damet tghix sakemm kellha sbatax-il sena. Dwar ir-relazzjoni tal-konvenuta ma' ommha hija tghid li "*my mother and I had a strained relationship: she accused me, even from as early as when I was three or four, of being a flirt. She constantly chastised me for what she termed as 'drawing attention to myself'. This I learnt, could range, in her mind, from my having a cold to my choosing to change into clean clothes. She would say things like 'I don't know why you're bothering, nobody is going to look at you'. And yet, had I come down wearing the clothes I had slept in the night before she would call me a slut. My mother made an art out of creating the 'lose-lose' argument: Only years later did I realise that my only course of action was to disengage myself from a relationship where, whatever I did, I was wrong*".

Illi l-konvenuta tghid li hija harget ma' xi guvintur, u meta rritornat Malta u kellha dsatax-il sena hija kellha relazzjoni ma' tfajla sentejn ikbar minnha. Hija tghid li wara din ir-relazzjoni taghha hija ltaqet ma' l-attur u fil-fatt wara xi zmien bdew jghixu flimkien. Kien waqt dan il-perjodu li kienu qeghdin jghixu flimkien li l-konvenuta sfat imkeccija minn Malta. Tghid li t-tnejn li huma kienu dispjacuti b'dan il-fatt u fil-fatt peress li kienu diga` ddecidew zmien qabel li jizzewgu, huma fil-fatt hekk ghamlu meta l-konvenuta rritornat lura Malta.

Illi dwar ir-relazzjoni li kellha ma' l-attur, il-konvenuta tghid li "*I do also remember being confused, I was crazy about him and knew it, but because I had slept with a woman and had felt moved by the experience, I wasn't sure what that made me*".

Illi tghid il-konvenuta li l-hajja mizzewga spiccat insopportabbli u minhabba f'hekk iddecidiet li r-relazzjoni taghhom kellha tispicca. Hija tghid li l-attur kien influwenzat hafna b'dak li kienet qaltlu u cjoe' li hija kellha relazzjoni sesswali ma' mara u qatt ma irnexxielu jissupera dan il-fatt.

Illi l-konvenuta tghid li l-attur kien qed jilghab il-flus u li ghalhekk huwa ma kienx qed jibqghalu flus mill-paga tieghu. Tghid li l-attur "*had the ability to switch off to my problems if these were unrelated directly to him. I was there to look after his needs*".

Illi meta giet mistoqsija in kontro-ezami, jekk qatt gietx abbuzata minn missierha meta kienet zghira, l-konvenuta ghazlet li ma twegibx. Tghid pero' li kien hemm okkazzjonijiet fejn hija kienet thossha protetta minn missierha. Kien hemm okkazzjonijiet fejn hija kienet tibza` minnu. Hija tghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn missierha kien ikun xurban u f'dawn l-okkazzjonijiet hija ma kenitx taf kif kien ser jirrejagixxi. Mistqosija jekk ghandhiex tendenzi lesbici, l-konvenuta tirrispondi fl-affermattiv. Hija tghid ukoll li fil-prezent ghandha relazzjoni ma' certa Sandra Aquilina. Ir-relazzjoni sperimentali li l-konvenuta issemmi kienet ma' certa Laurie Pace. Tghid ukoll din ix-xhud li kien hemm okkazzjonijiet fejn hija kienet tmur f'bar gewwa Bugibba bl-isem ta' 'Diddy's Bar'. Hija kienet tmur hemm ma' l-attur. Gieli kienu jmorru b'insistenza minn naha ta' l-istess attur u gieli b'insistenza taghha.

Illi l-konvenuta giet mistoqsija jekk qatt hbietx jew gidbet lil zewgha bhal meta ivvintat il-karattru ta' Sasha, hija irrispondiet li "*I believe that I was really open and that being open with him was the down fall of our marriage,*

*because he could not take it. He really could just not take it*". Il-konvenuta kienet *'open'* ghar-rigward tat-tendenzi lesbici taghha. Kienet qaltlu ukoll kif kienet thossha migbuda lejn nisa ohra.

Illi xehdet quddiem l-Assistent Gudizzjarju **Sandra Aquilina**. Hija tghid li hi u l-konvenuta '*lovers*' u li johorgu flimkien. Fil-fatt tghid li "*we go out together as lovers*". Tghid li hija siefret xi darbtejn jew tlett darbiet mal-konvenuta. Hija tghid li hija ghad ghandha relazzjoni mal-konvenuta.

Illi xehed it-**Tabib Dr. Patrick Mahoney** li qal li ilu tabib tal-kontendenti ghal dawn l-ahhar hames jew sitt snin. Huwa jghid li l-konvenuta kellha "*an acute anxiety state*" li fi kliemu fissirha bhala "*a number of physical symptoms which could be caused by an aberrant mental state of all sorts. It could be anything from a family death to a problem which could be bothering you*", u jkompli jghid "*in this case it was symptoms of fear, tremor, difficulty in expression and the general lack of communication*".

Illi jghid ukoll li jiftakar li kien hemm episodju fejn l-attur kien ghaddej "*through a depressive phase*" izda dettalji dwar dan ma jiftakarx. Ix-xhud kien issugerixxa lill-attur sabiex jmur jara Psikologu. Pero' dwar jekk l-attur segwiex dan il-parir ma jafx ghax ma kienx kellmu.

Illi xehdet ukoll **Marianne Borg Cunen**. Hija tghid li z-zewg kontendenti kienu klijenti taghha. Dwar l-attur tghid illi bejn il-15 ta' Dicembru, 1997 u Mejju, 1998, huwa kien mar ghandha tnax-il darba. Dwar il-konvenuta tghid li hi ma tiftakarx kemm il-sessjoni kellha maghha pero' dawn kienu ftit u ma zammetx noti dwarhom.

Illi l-attur tghid din ix-xhud, kellu problemi rigwardanti "*self confidence and lack of assertiveness*". Tghid li "*it appeared that he was depressed and confused about his situation in his marriage, as far as his marriage is concerned he seemed to be in a dependant kind of situation*". Tkompli tghid li "*he felt powerless and unable to*

*assert himself. My assessment was that it was a pretty dysfunctional relationship*".

Illi hija tghid li "*there were elements of depression because of his childhood upbringing which was made worst by the marital situation*". In kontro-ezami, din ix-xhud dwar l-attur tghid li "*his lack of assertiveness meant it was difficult for him to express what he wanted, make demands on limits and boundaries on the relationship, and he had a problem with what is called in psychology ego functions, in other words disability to be clear about what he wants and asks for what he needs for himself*".

Illi meta din ix-xhud giet mistoqsija jekk din il-problema setghatx affetwat il-kapacita' li jiddeciedi li jizzewweg, hija wiegebet li "*in general it could give problems on deciding whether to marry or not to marry, but in this case I do not remember*". Tkompli tghid li "*as far as I remember, he was well prepared to marriage, he knew what he wanted and was committed in the relationship*".

Illi xehdet **Dr. Alexandra Scicluna Calleja** u qalet li hija ilha taf lil konvenuta madwar seba' jew tmien snin. Il-konvenuta bdiet tuza s-servizzi taghha wara li kien gie celebrat iz-zwieg tal-kontendenti. Din ix-xhud tghid li l-konvenuta kienet qed thossha *'distressed'* fiz-zwieg. Il-konvenuta kienet tghid lix-xhud li "*she used to feel that her wishes, her perceptions weren't important in her marriage*".

Illi dwar it-tfulija tal-konvenuta, Dr. Scicluna Calleja tghid li "*she had experiences of neglect in her childhood and feelings of not belonging very strong feelings of not belonging*". Din ix-xhud tghid li l-konvenuta kellha "*lack of self esteem*". Tghid ukoll li l-konvenuta ammettiet maghha li hija kienet bisesswali. Meta giet mistoqsija ripetutament dwar it-tendenzi lesbici li l-konvenuta kellha, din ix-xhud tghid illi "*they were not lesbian tendencies they were bisexual which means that she was perfectly capable of having a relationship with a man or with a woman, that is bisexuality*".

Illi meta din ix-xhud giet mistoqsija dwar il-problemi sesswali tal-konvenuta mid-difensur ta' l-attur, din ix-xhud tghid dwar il-konvenuta li "*she does not have, she did not have and does not have a sexual problem, she had a problem with herself, she had deficit in her growth because of her neglect. Neglect in the sense that her parents weren't very attentive to her. She was adopted and all people who are adopted have a sense of where do I belong and on top of that then she has parents who do not give her the attention she needs and dominate her and tell her what she is supposed to be thinking and make her think and make her behave in ways in which they want to that has effect on her character*".

Illi Dr. Scicluna Calleja tkompli tghid li "*I think she felt neglected in her marriage*" u tkompli tghid "*by her husband*". Tghid ukoll li omm il-konvenuta kienet "*a negative influence*" fuqha. Tghid ukoll li fejn l-attur, il-konvenuta kienet thossha "*powerless*" u li l-istess konvenuta kienet thoss li zewgha ma kienx qed jghinha. Fil-fatt x-xhud tghid li l-konvenuta hassitha difficli hafna sabiex thalli z-zwieg. Tghid li persuna bhall-konvenuta li hi bisesswali tista` tizzewweg u jkollha hajja mizzewga normali. Tghid ukoll li l-konvenuta ma ghandha l-ebda mard mentali. Dr. Scicluna Calleja tghid ukoll li l-konvenuta kienet kapaci tifhem il-kuncett u l-valuri taz-zwieg. Pero' jekk dawn kenux jezistu qabel iz-zwieg, hija ma tafx twiegeb.

**(B) KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET.**

Illi l-attur qed jibbaza l-allegata nullita' taz-zwieg in ezami fuq l-**artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255)** li rispettivament jistabbilixxu li zwieg ikun null:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

*jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi l-konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha qed tghid li *"l-attur kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirjiet taghha. Hu kellu ukoll anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg".* Qed tghid li z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null that l-**artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi z-zwieg, il-proprjetajiet essenzjali taz-zwieg u l-kunsens matrimonjali m'humiex definiti fl-Att dwar iz-zwieg u ghalhekk huwa opportun li ssir riferenza ghall-**kanoni 1055 §1; 1056; u 1057 § 2 tal-Kodici Kanoniku** li rispettivament jipprovdu:-

*"The marriage covenant by which a man and a woman establish between themselves a partnership of their whole life, and which of its own very nature is ordered to the well-being of the spouses and to the procreation and upbringing of children, has between the baptised, been raised by Christ the Lord to the dignity of a sacrament.*

*The essential properties of marriage are unity and indissolubility; in christian marriage they acquire a distinctive firmness by reason of the sacraments.*

*Matrimonial consent is an act of the will by which a man and a woman by an irrevocable covenant mutually give and accept one another for the purpose of establising a marriage."*

Illi fil-kunsens matrimonjali kif definit fil-fuq ikkwotat **kanone 1057 § 2** temergi l-komunjoni ta' hajja shiha jew *"totius vitae consortium"* ikkontemplata fil-fuq ikkwotat **kanone 1055 § 1**. Fil-**kanone 1057 § 2** huwa deskritt l-oggett tal-kunsens matrimonjali. *" This is none other than the man and the woman, that is in their conjugality, that is, in their respective natural sexual capacity as related to the ends of marriage. In other words, by means of the marriage covenant, the woman gives herself as a wife to the man, and the man gives himself as a husband to the woman, and they mutually accept each other as such."* (Notamenti dwar **kanone 1057 § 2** f'pagni 660 u 661 tal-**Code of Canon Law Annotated** - edited by **E. Caparros, M. Theriault, J. Thorn**; published by **Wilson & Lafleur Limitee** - Montreal 1993.)

Illi sabiex ikun hemm l-imsemmi *"totius vitae consortium"* hija essenzjali l-prezenza fiz-zwieg tat-tliet *"bona matrimonii"* li kif jispjega l-awtur ***Jose F. Castagno*** huma:-

*"... a) bonum prolis, che sta a significare la generatio atque educatio prolis del can. 1055 ... .; b) bonum fidei o fedelta', che nei cann. 1056, 1101* § *2, 1134, viene chiamata unitas; c) bonum sacramenti che e' lo stesso dell'indissolubilitas o vincolo perpetuo dei **cann. 1056, 1057*** § ***2, 1101*** § ***2,*** *1134." (Pagni 61 u 62 tal-ktieb intitolat* **"Il Sacramento del Matrimonio"** - ***Jose. F. Castano O.P.*** - Seconda edizione Roma 1992.)

Illi dwar il-kunsens matrimonjali l-awtur ***Jose F. Castano*** jispjega:-
*".... il matrimonio, nel suo aspetto giuridico e concretamente, come actus quo ("in fieri"), e' un contratto consensuale, cio' che e' stato recepito nel can. 1057 con la clausola matrimonium facit partium consensus. Da cio' segue: a) il consenso delle parti e' l'elemento piu' importante del matrimonio; b) il consenso puo' essere viziato e quindi il matrimonio puo' essere invalidato a causa di uno dei vizi del consenso* **(cann. 1095-1103)."** (Pagna 109 tal-fuq imsemmi ktieb intitolat: **"Il Sacramento del Matrimonio"**.)

Illi l-provi prodotti juru li minhabba l-omosesswalita' u/jew il-bisesswalita tal-konvenuta u l-eskluzjoni pozittiva da parti taghha ta' whud mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, dan iz-zwieg huwa null a bazi ta' l-**artikolu 19 subartikolu (1) subincizi (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward il-prezenza u l-effetti ta' omosesswalita' u/jew bisesswalita tal-konvenuta huma rilevanti s-segwenti rizultanzi u estratti mill-provi prodotti:-

Illi l-konvenuta tghid li hija kellha relazzjoni sesswali, qabel ma zzewget ma' mara li kienet sentejn ikbar minnha dak iz-zmien. Din kienet l-ewwel relazzjoni lesbika taghha u kien minn hemm li l-konvenuta saret konsapevoli dwar il-bisesswalita taghha pero' li ma rieditx taccettaha. Din ir-relazzjoni spiccat u ftit wara iltaqet ma' l-attur. Il-konvenuta hasbet, kif haseb ukoll l-attur li wara z-zwieg dan il-hsieb tal-konvenuta jispicca. Meta inqalghu l-problemi fiz-zwieg, l-konvenuta rrikorriet ghar-relazzjoni lesbika ohra ma' Sandra Aquilina.

Illi mix-xhieda prodotti, u mill-estratti hawn fuq ikkwotati jirrizulta li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat skond l-**artikolu 19 subartikolu (1) subinciz (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg** kemm *"b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha"* u kif ukoll *"b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;".*

Illi dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha ***Jose F. Castano*** jikteb:-

*"La mancanza di sufficiente maturita' o il grave difetto di discrezione di gudizio, senza che debba essere necessariamente una malattia nel suo significato tecnico, suole avere come causa una psicosi o personalita' psicopatica, una nevrosi, oppore un disordine nel*

*meccanisno psichico che gli autori chiamano disordine di personalita'. Queste figure sono catalogate dagli specialisti come anomalie psichiche. ...". (Pagna 317 tal-fuq imsemmi ktieb:* **"Il Sacramento del Matrimonio".**

Illi fil-**Code of Canon Law Annotated** hemm is-segwenti spjegazzjoni:-
*"... the expression discretion of judgement does not refer so much to cognitive resources or sufficient intellectual perception ... as to that degree of personal maturity which enables the contracting parties to discern in order to bind themselves to the essential rights and duties of marriage. ... The expression grace lack refers to the discretion of judgement, which is a juridical concept. The cause of consensual incapacity and nullity of the act is not, therefore, the gravity of the psichic anomaly which is a medical concept and a case of fact, but the gravity of the lack of discretion of judgement. .... . ... there is a grave lack when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner ... the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. ... ." (Pagna 686 tal-fuq imsemmi* ***Code of Canon Law Annotated**.)*

Illi l-kundizzjoni tal-konvenuta ta' bisesswalita u/jew omosesswalita' hija l-anomalija serja li taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, la darba iz-zwieg skond il-ligi taghna hija unjoni bejn mara u ragel li tinkorpora relazzjoni ntima bejn l-istess zewg sessi. *Inoltre* huma relevanti s-segwenti pronunzjamenti kontenuti fis-sentenza moghtija mit-**Tribunal Apostoliku tar-Rota Romana** (**coram Raphael fungini** - nullita' ta' zwieg (RN -VO) sentenza definittiva tad-19 ta' Dicembru, 1994):

*" Indeed, it is difficult to determine and define every single obligation of marriage, but, without any doubt, one must include in the list the obligations which are derived from the essential properties of marriage itself in accordance with canon 1056, i.e. from unity and indissolubility and from the ends and purposes of marriage which are fundamentally proper to it according to **canon 1055 § 1**. Moreover, one is to pay attention to the definition of the marriage consent, which is provided by canon 1057 **§** 2, and according to which, the contracting parties mutually give and accept each other, through an irrevocable mutual covenant, in order to establish a partnership of the whole life, which "by its very nature is ordered toward the good of the spouses and the procreation and education of offspring" (**can. 1055 § 1)**.*

*... However, the required mutual giving and acceptance is frustrated by the homosexality of either party, for the reason that those who have this condition "suffer a perversion or, more correctly, an inversion in the erotic appetite" (coram Pompedda, 6th October 1969, SRR. Dec., v.XLI, p.916, n.2) and "fundamentally and primarily are drawn towards their own sex, but only per accidens towards the other sex, and they are impeded by such instinct from being able to accept a hetersexual partnership of life, even if they were willing to do so" (c. Anne', 6th February 1973, SRR. Dec.,v.LXV, p.64, n.2).*

*... . ... the homosexual contracting party is incapable of giving himself and receiving and cannot exchange the proper and exclusive right which is required by the law of nature. Moreover he is unable to assume and fulfil the obligations which are derived from the essential properties of marriage.*

*Homosexual tendencies, which are ingrained in an anomalous personality structure, are opposed to the very essence and properties of marriage: for they hinder those who suffer from such tendencies from persuing conjugal love which is ordained to offspring, from making use of marriage in a human way to attain this purpose, from*

*being faithful to a perpetual and exclusive bond and from establishing a partnership of the whole life for their mutual good and advantage." (Pagni 132 u 133 ta' No. 1 Vol. 8, 1997* **Forum A Review of Canon Law and Jurisprudence Edited and Published by The Maltese Ecclesiastical Tribunal***.)*

Illi dan l-insenjament japplika ukoll fil-kaz ta' persuna bisesswali. Xorta jibqa l-fatt li persuna bisesswali hija attirata lejn persuni ta' l-istess sess taghha u allura ma hijiex kapaci tassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll jkollha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dan peress li fl-istess relazzjoni ta' hajja mizzewwga tkun trid necessarjament tichad parti minnha jew tissuppressa dak li hija verament thoss, b'mod li lanqas biss tkun rejali lejha nnifisha.

Illi din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuta ghamlet dak kollu li setghet sabiex tersaq lejn l-attur, izda ma hemm lanqas ebda dubju li ghal dak li jirrigwarda l-persuna taghha u hija verament minn kienet, hija kellha necessarjament ma turiex dak kollu li kienet, u allura certament ippretendiet li kienet persuna u agixxiet ta' persuna, li fil-fatt kienet differenti minn dak li attwalment kienet. Qabel iz-zwieg kellha biss dubji dwar it-tendenzi taghha, anke fejn spjegat ir-relazzjoni taghha ma' persuna ta' l-istess sess bhala kurzita' ta' l-adoloxxenza; izda xorta jibqa' l-fatt li wara li l-konvivenza ma' l-attur spiccat, *nonostante* t-tentattivi kollha taghha sabiex dan ma jsehhx, xorta wahda hija wara ghazlet li jkollha relazzjonijiet ma' persuna ta' l-istess sess, u dan ghar-raguni li 'n verita' kienet qed tagixxi skond dak li verament hasset; dan huwa sinfifikanti wara li ghamlet dan zmien tipprova tichad dan b'ghemilha.

Illi dan jikkonferma li sabiex l-istess konvenuta dahlet f'din ir-relazzjoni ma' ragel ghar-raguni taz-zwieg hija agixxiet f'mument li lanqas biss kienet taf lilha innfisha u hemmhekk huwa wkoll id-difett ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, *stante* li jidher car u wkoll huwa konsegwenzjali ghas-sitwazzjoni li sabet ruhha l-attrici, li hija ma setghatx taghti lilha nnfisha kif inhi lill-attur,

ghaliex kellha necessarjament, kif fil-fatt ghamlet tichad lilha nnfisha u dak li hi.

Illi minn naha l-ohra tali sitwazzjoni kienet minnha nnfisha wkoll ostakolu ghall-konvenuta sabiex taqdi l-elementi essenzjali taz-zwieg ghar-raguni li hija qatt ma setghat tagixxi b'mod liberu anke maghha nnfisha u certament dan iwassal sabiex il-kunsens tal-konvenuta jigi ddikjarat null *ai termini* tal-ligi skond id-dispozizzjonijiet citati ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dwar dak allegat mill-konvenuta li l-attur kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirjiet taghha din il-Qorti thoss li anke din giet ippruvata u dan peress li jidher li l-attur kien jaf bis-sitwazzjoni dwar martu, anke qabel iz-zwieg, izda xorta wahda ghazel li jaghti l-kunsens tieghu ghall-istess, meta kien ovvju li taht din is-sitwazzjoni kien ser ikun impossibbli ghall-koppja li jesegwixxu flimkien l-elementi essenzjali taz-zwieg. Fil-fatt jidher car mix-xhieda tal-konvenuta li huwa ma' setax jaccetta din is-sitwazzjoni, u fil-fatt ma setax jaccetta l-persuna tal-konvenuta, hija kif kienet; jidher li ghall-ewwel l-attur ta bir-ruhhu li l-persuna tal-konvenuta u r-relazjonijiet taghha qabel iz-zwieg ma kienux ser ifixkluh. Pero' hawn l-attur innifsu jidher li ma kienx sincier u veritier mieghu nnifsu, peress li jidher li kwazi tul il-konvivenza kollha tieghu mal-konvenuta, is-sitwazzjoni taghha qatt ma accettaha, tant li dan wasslu wkoll sabiex isofri psikologikament u mentalment ghas-sitwazzjoni li huwa dahal fiha, ghaliex jidher car li huwa qatt ma accetta s-sitwazzjoni tal-konvenuta, u allura minn dan isegwi li fid-dawl ta' l-istess kunsens validu ghaz-zwieg *da parte* ta' l-attur lanqas kien hemm, ghaliex dan il-kunsens partikolari ghal din l-ghaqda jirrikjedi bhala l-bazi ta' kollox li persuna taccetta persuna ohra tas-sess oppost f'kollox, ghaliex fuq hemm imbaghad l-partijiet ikunu jistghu jimxu ghall-kuncett u stat ta' *"totius vitae consortium"* li hija l-ghan u l-kulmine ta' hajja mizzewwga, fejn zewg persuni jsiru komunjoni ta' hajja u mhabba wahda. Dan qatt ma seta` jsir f'dan il-kaz ghaliex l-attur qatt ma accetta bhala tali lill-konvenuta, u ghalhekk anke f'dan il-kaz hemm il-kunsens ta' l-attur vizzjat ghar-

ragunijiet imputabbli lilu abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi in vista tal-fatt li din il-Qorti qeghda ssib li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Settembru, 1990 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fuq is-subincizi l-ohra kkwotati mill-attur *stante* li dan ikun biss *ormai* ezami akkademiku.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha taghha fil-mertu nkwantu b'xi mod inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat fit-28 ta' Settembru, 1990 bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi u dan skond l-**artikolu 19 subartikolu (1) subincizi (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.
Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------